REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1927

tad-19 ta' Novembru 2019

dwar id-derogi mir-regoli dwar il-"prodotti oriġinarji" stabbiliti fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore li japplikaw fil-limiti tal-kwoti annwali għal ċerti prodotti minn Singapore

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1599 ([2]), il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore ġie ffirmat fid-19 ta' Ottubru 2018. Il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġiet approvata f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 ([3]).

(2) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u mal-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. L-Anness B ta' dak il-Protokoll jistabbilixxi lista tax-xogħol jew tal-proċessi meħtieġa li jridu jsiru fuq materjali li ma joriġinawx sabiex il-prodott immanifatturat ikun jista' jikseb l-istatus ta' oriġini. Addendum ta' dak l-Anness (imsejjaħ l-Anness B(a)) jistabbilixxi regoli alternattivi li jistgħu japplikaw flok ir-regoli stabbiliti fl-Anness B għal ċerti prodotti li għandhom jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'Singapore, iżda l-benefiċċju ta' dawk ir-regoli alternattivi huwa limitat minn kwota annwali.

(3) Il-prodotti li għalihom japplikaw ir-regoli alternattivi stabbiliti fl-Anness B(a) jistgħu jiġu importati fl-Unjoni sakemm ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

(4) Jenħtieġ li l-kwoti annwali stabbiliti fl-Anness B(a) jiġu ġestiti abbażi tal-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([4]).

(5) Kif previst fl-avviż rilevanti ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]), il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2019. Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni effettiva tal-kwoti tal-oriġini stabbiliti fl-Anness B(a) u l-applikazzjoni f'waqtha tagħhom, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik id-data sabiex il-partijiet interessati jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

---

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1599 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 267, 25.10.2018, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1875 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 294, 14.11.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

([5]) Avviż dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L 293, 14.11.2019, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-prodotti mniżżlin fl-Anness ta' dan ir-Regolament, id-derogi stabbiliti fl-Anness B(a) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll 1") għandhom japplikaw fil-limiti tal-kwoti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-kwoti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 3

Biex jibbenefikaw minn kwota stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-prodotti għandu jkollhom magħhom dikjarazzjoni tal-oriġini ffirmata mill-esportatur approvat (kif iddefinit fil-Protokoll 1), li tkun tiċċertifika li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness B(a) tal-Protokoll 1. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Protokoll 1 u għandu jkun fiha l-istqarrija li ġejja bl-Ingliż: "Derogation — Annex B(a) of Protocol Concerning the definition of the concept of 'originating products' and methods of administrative cooperation of the EU-Singapore FTA".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-21 ta' Novembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema preferenzjali għandu jiġi stabbilit, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kodiċijiet tan-NM kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), fil-verżjoni kif emendata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1602 ([2]), u mid-deskrizzjoni tal-prodott mogħtija fir-raba' kolonna tat-tabella ta' dan l-Anness, meħudin flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM		Sottodiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)
09.7951	ex	1601 00 10	11, 91	Zalzett bix-xama' tat-tiġieġ, tal-ħanżir u fwied frisk	Mill-21 taNovembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 Mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru f'kull sena sussegwenti	56 tunnellata
	ex	1601 00 91	05			
	ex	1601 00 99	11, 91			
	ex	1602 32 11	10	Luncheon meat tat-tiġieġ fil-landa; floss tat-tiġieġ; ross tal-gluteina tat-tiġieġ; samosa tat-tiġieġ miṫun; dumplings ta' laħam tal-pollam; shaomai tat-tiġieġ; gyoza tat-tiġieġ		500 tunnellata
	ex	1602 32 19	10			
	ex	1602 32 30	10			
	ex	1602 32 90	10			
	ex	1602 49 19	20	Luncheon meat tal-ħanżir fil-landa; floss tal-laħam tal-ħanżir Luncheon meat taċ-ċanga		
	ex	1602 50 10	10	fil-landa; samosa tal-laħam taċ-ċanga miṫun		
	ex	1602 50 95	10			
	ex	1902 20 30	21	Samosa tat-tiġieġ miṫun; dumplings ta' laħam tal-pollam; shaomai tat-tiġieġ; gyoza tat-tiġieġ; samosa tal-laħam taċ-ċanga miṫun		
			91			
	ex	1602 41 10	10	Diversi tipi ta' prieżet imkessaħin		
	ex	1602 41 90	10			
	ex	1603 00 10	10	Essenza fil-flixkun ta' serje tat-tiġieġ		
	ex	1603 00 80	10			
09.7952	ex	1604 20 10	05	Blalen tal-ħut bil-kàri magħmula minn laħam tal-ħut, kàri, lamtu tal-qamħ, melħ, zokkor u kondimenti komposti; rolls b'erba' kuluri magħmulin minn laħam tal-ħut, stikk tal-granċ, algi, ġilda taż-żerriegħa tal-pjanti, żejt veġetali, zokkor, melħ, lamtu tal-patata, glutamat tal-monosodju u ħwawar	Mill-21 taNovembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 Mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru f'kull sena sussegwenti	45 tunnellata
	ex	1604 20 30	05			
	ex	1604 20 40	05			
	ex	1604 20 50	05			
	ex	1604 20 90	05			400 tunnellata
	ex	1604 16 00	10	Inċovi jqarmċu bi ħwawar jaħarqu (sambal ikan bilis) magħmulin mill-inċova, basal, pejst taċ-ċili, tamarind, belakan, zokkor kannella, u melħ		

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana. (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1602 tal-11 ta' Ottubru 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 273, 31.10.2018, p. 1).

Nru tal-ordni	Kodiċi NM		Sottodiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)
09.7953	ex	1605 10 00	05	Blalen tal-granċ magħmulin minn lamtu tal-qamħ, melħ, zokkor, kondimenti komposti, laħam u mili tal-granċ	Mill-21 taNovembru 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 Mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru f'kull sena sussegwenti	39 tunnellata
	ex	1902 20 10	21	Har gow magħmul minn gambli, lamtu tal-qamħ, tapjoka, ilma, basla tal-għonq twil, ġinġer, zokkor, u melħ; shaomai magħmul minn gambli primarjament, tiġieġ, lamtu tal-qamħirrum, żejt veġetali, bżar iswed, żejt tal-ġunġlien, u ilma; wonton tal-gambli moqlijin magħmula minn gambli, melħ, żejt, zokkor, ġinġer, bżar, bajd, ħall u zalza tas-sojja		
			91			
	ex	1605 21 10	05			350 tunnellata
	ex	1605 21 90	05			
	ex	1605 29 00	05			
	ex	1605 54 00	10	Blalen tas-siċċa magħmulin minn mili tas-siċċa, lamtu tal-qamħ, melħ, zokkor u kondimenti komposti; blalen b'togħma tal-awwista: laħam tas-siċċa, laħam tal-ħut u laħam tal-granċ		